**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-Tmintax (18) il-Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' April, 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Cerpersin Raymond Bartolo | 6.00 p.m. | 8.45 p.m. |
| Viċi-Cerpersin Simone Aquilina | Skużata | |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | 6.55 p.m. | 8.45 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | 6.00 p.m. | 8.45 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 6.00 p.m. | 8.45 p.m. |

Iċ-Ċerpersin mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tas-Sbatax (17) il-Laqgħa li nżammet fil-21ta' Marzu, 2012**

Il-Minuti tas-Sbatax (17) il-Laqgħa tal-21 ta' Marzu, 2012 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati wara li saret emenda f'*item* 11.02 kif ġej:

Żdiedu l-kliem **"u kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-partiti politiċi dwar il-*billboards*."** fl-aħħar tas-sentenza tat-tieni paragrafu.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa tal-25 ta' April, 2012**

2.01 **Dwar Item 2.02 – Laqgħa mal-Klabb tal-Futbol.**
Iċ-Ċerpersin Ray Bortolo qal li issa l-ftehim kien ġie ffirmat u ttieħed il-qari tal-arloġġ tad-dawl u ntbgħat lill-ARMS Ltd.

2.02 **Dwar Item 2.03 – Ħitan Perikolużi fit-Triq tal-Wardija.**
Iċ-Ċerpersin informa li l-Kunsill kien appova li l-ispejjeż jitħallsu mill-Kunsill.



**Sindku** : Mario Salerno
**Viċi Sindku** : Alexander Bezzina
**Kunsilliera** : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo, Anne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
**Aġent Segretarju Eżekuttiv** : George Abdilla

2.03 **Dwar Item 2.07- Xogħlijiet.**

Is-Sur Ray Bartolo qal li l-Kuntrattur Adam Bugeja kellu diversi xogħlijiet pendenti x'jagħmel f'Burmarrad u kien jinħtieġ li dawn x-xogħlijiet jitlestew mingħajr aktar dewmien. Huwa talab li l-Kuntrattur jiġi nfurmat b'dan.

2.04 **Dwar Item 2.08 – *Law Enforcement.***

Iċ-Ċerpersin qal li kien innotat li l-*Wardens* dan l-aħħar kienu bdew jinforzaw il-liġijiet tat-traffiku f'Burmarrad. Kien imiss issa li l-Pulizija wkoll jibdew jinforzaw il-liġijiet ta' ipparkjar ta' vetturi.

2.05 **Dwar Item 6.00 – Kuntratt għaż-żamma tal-Pjazza Burmarrad.**

Iċ-Ċerpersin qal li kien għamel intervent waqt Laqgħa tal-Kunsill fejn huwa kien qal li kienet ir-responsabbilita' tal-Kunsill li l-Kumitat Amministrattiv kien għadu qed iħallas flejjes kbar għaż-żamma tal-Pjazza ta' Burmarrad għaliex is-sejħa publika kienet għadha ma saritx. Il-Kumitat kien talab li x-xogħol ta' tindif jiġi ntegrat max-xogħol tal-knis fis-sejħa pubblika li suppost kellha tinħareġ madwar sena ilu. Dan kien għadu ma sarx u għalhekk huwa kien qed iżomm lill-Kunsill responsabbli għall-ispejjeż żejda li kienu qed isiru.

2.06 **Dwar Item 11.04 – Pompa tal-funtana bil-ħsara.**

Il-Kumitat talab li jiġi ċċekkjat jekk il-ħsarat fil-pompa tal-funtana kienux koperti mill-garanzija.

## 3.00 Materji Finanzjarji.

Ġiet ippreżentata l-lista ta' pagamenti li kienu jaqaw taħt il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Intalab *breakdawn* dwar *items* 13346, u 13461 filwaqt li ntalab wkoll li għal *item* 13502 jingħataw l-ismijiet tat-toroq fejn saru t-tiswijiet tal-bozoz.

## 4.00 Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet.

4.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li kienu qed isiru diskussjonijiet mal-KNPD dwar tibdil li kien hemm bżonn isir fil-*playground* ta' Burmarrad.

4.02 Iċ-Ċerpersin informa li kien wasal rendikont tal-bilanċ tal-fondi fil-fond tal-UIF tal-MEPA li kienu jappartjenu lill-KAB. Dawn jammontaw għal Ewro 75,471.77. Kien ser isir studju kif l-aħjar jintużaw dawn il-fondi.

## 5.00 *Follow up* tal-Laqgħa Annwali.

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *draft* tal-minuti tal-Laqgħa Annwali sabiex jiġu nnotati suġġerimenti w ilmenti tar-residenti. Dawn ġew diskussi fid-dettall u ċ-Ċerpersin qal li l-*item* dwar l-antenna kellha titla bħala *agenda item* f'Laqgħa oħra.

5.02 Il-Membru Carmel Hili talab li meta jkunu qed jiġu diskussi l-konfini l-ġodda tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad ta-Dipartiment tal-Gvern Lokali, huwa xtaq li jkun preżenti, l-membri presenti qabblu unanimament Iċ-Ċerpersin spjega fid-dettall (permezz ta' pjanta) dwar it-talbiet li l-Kumitat kien qed jagħmel dwar dawn il-konfini, li kienu skont dak mifthiem fid-diskussjonijiet preċedenti li kellu l-Kumitat.

**6.00 Aġġornament dwar Attivitajiet.**

6.01 Il-Kumitat ġie nformat li kien kollox lest għall-attivita ta' JP2 u li l-ispejjeż totali għal din l-attivita' kienu ser ikunu madwar Euro 600.

6.02 Dwar Festa Bdiewa, is-sur Joseph Mario Hili spjega x-xogħol li kien qed isir dwar din l-attivita`. Huwa qal li kien iltaqa` ma' xi diffikultajiet speċjalment dwar ir-rotta tal-Arriva minħabba li kienet ser tingħalaq triq arterjali. Kienet ippjanata laqgħa mal-Kumitat Festa Burmarrad u kienu ġew ibbukkjati l-kantanti.

Iċ-Ċerpersin offra l-għajnuna tiegħu lis-Sur Joseph Mario Hili, speċjalment fl-aspett loġistiku tal-attivita`.

6.03 Dwar l-WardaFest li kien qed jorganizza l-Kunsill Lokali fil-Wardija, ġie nnotat li l-KAB ma ssemma mkien fil-*flyer* li kien sar, avolja ċ-Cerpersin kien talab dan.

Intalbet direzzjoni uffiċjali mid-DLG dwar jekk il-Kunsill jistax jaqbeż lill-KAB meta jiġu organizzati attivitajiet fil-konfini tal-KAB. Is-Sur Peter Abela qal li l-Kunsill għandu jirrispetta l-awtorita tal-KAB għaliex il-konfini ta' Burmarrad u l-Wardija kienu ġew devoluti lill-KAB.

**7.00 Qsari madwar ir-Raħal.**

7.01 Iċ-Ċerpersin, is-Sur Ray Bartolo, qal li huwa kien jixtieq li jkun hemm aktar ħdura fir-raħal ta' Burmarrad u għalhekk kien ser jara jekk kienx possibli li parti mill-*pots* li kienu ser jitneħħew mill-Promenade tal-Qawra jitpoġġew f'Burmarrad. Il-Membru Peter Abela issuġġerixxa li jsiru *hanging baskets* fit-toroq prinċipali ta' Burmarrad.

**8.00 Aġġornamenti**

8.01 Is-Sur Carmel Hili qal li l-isem ta' Triq is-Sardin kien għadu ma sarx. Huwa qal li kien hemm tabella bil-ħsara fi Triq Gwanni Pawlu II. Huwa kien innota li l-istemma kienet għadha ma ġietx approvata. Iċ-Cerpersin spjega li dan għadu ma sarx għaliex xi Kumitati Amministrattivi kien għadhom ma għaddewx l-istemmi tagħhom.

8.02 Is-Sur Peter Abela qal li qed jissuġġerixxi li l-fondi tal-UIF jintużaw sabiex tiġi mfassla pjanta ħollistika dwar is-sistema ta' dwal fit-toroq fil-Wardija.

8.03 Materji oħra li ssemmew waqt l-aġġornamenti kienu:

(a) Bozza fi Triq l-Insolja li kienet għada ma saritx.
(b) Qtugħ ta' ħaxix fit-toroq l-Insolja, Dwieli, u Ġebel Għażżara.
(ċ) Bżonn ta' stop-sign u sinjali tat-toroq fi Triq l-Insolja kantuniera ma' Triq Dwieli sabiex jiġu evitati aktar inċidenti tat-traffiku. Is-Sur Carmel Hili għandu jindika eżattt fejn għandu jsir dan.
(d) Gradilja fi Triq Burmarrad ħdejn Triq Gebel Għażżara bil-ħsara.

## 9.0 Tmiem tal-Laqgħa

Il-Laqgħa spiċċat fid-8.45 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 30 ta' April 2012, fis-sitta ta' filgħaxija.

***Ray Bartolo***
***Cerpersin***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***

01 ta' Gunju 2012

Ref: 55 / 5240 / 12 / OCZ